TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 156

KAZ NRU 215

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Cecilia Vella (nee Pawley)
u
Edwin Fur Fashions

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 30 ta' Jannar, 1984

Chairman: G A Craig

B'ittra tal-31 ta' Awissu, 1982, l-Agent Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali irrifera lill dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija allegata li hi ngusta.

2. It-Tribunal zamm erba seduti li fihom ghall appellant dehret Miss Pauline Pawley, filwaqt li ghal-ditta Edwin Fur Fashions deher is-Sur Edwin Camilleri, Managing Director ta' l-istess ditta.

3. Statements of Case

Ghall-appellant gie sottomess li hi wara erba (4) snin tahdem mal-kumpanija giet moghtija in-'notice' ma hmistax il-tfajla ohra fis-27 ta' Mejju, 1982 u kella tispicca fit-23 ta' Gunju, 1982 izda kien hemm xoghol gdid tal-ggieget u zammewha ghal dan. Fil-24 ta' Gunju, 1982, ghajtula l-ufficcju u qalulha li produzzjoni ma tellghetx bizzejjed, u fit-28 ta' Gunju regu ghajtula l-ufficcju u giet mghotija "warning" ghax ma tellghetx produzzjoni bizzejjed. Fit-30 ta' Gunju, 1982 il-produzzjoni taghha kienet 13

u ghelhekk giet imsejha l-ufficcju u giet moghtija 'warning' iehor u dik kienet l-ahhar gurnata taghha mal-kumpanija.

Ghal-Kumpanija gie sottomess li l-appellant giet impjegata mal-kumpanija "on a part-time basis" fil-25 ta' Mejju, 1978 u wara giet "full time". Ghalkemm l-imgieba taghha ma kienitx ezemplari ix-xoghol li kella kienet bdiet taghmlu normali. Dak iz-zmien kienet twahhal il-buttuni. F'Gunju ta' 1982 ix-xoghol naqas u l-appellant giet moghtija n-'notice' tat-temm ta' mpieg ma hmistax il-tfajla ohra ghax gew 'redundant' izda billi kienet giet ordni ta' xoghol minn barra, zammew lill kullhadd. L-appellant flimkien ma ohrajn giet moghtija xoghol iehor fuq "ski jackets'. Kien car li ma haditx gost bih ghax bdiet certa 'tacit insub-ordination', tahli iz-zmien u titkellem ma shaba, minkejja l-attenzjoni li gibditilha il-"production controller" u tirrispondi. Il-"controller" bidlitilha il-post izda ghalxejn u waqt li l-produzzjoni normali mistennija kienet ta' hamsin (50) bicca fis-siegha, l-appellant bdiet taghmel biss madwar tlettax (13) u kien ghalhekk li giet imsejha l-ufficcju biex forsi ikelmuha bil-kwiet wara li fil-25 ta' Gunju kienu ga tawha "warning" izda l-appellant ir-ritaljat u telqet il-barra mill-ufficcju. Minkejja dan l-appellant ir-ritornat ghax-xoghol u fit-28 ta' Gunju, giet moghtija 'warning' bil-miktub dwar l-agir taghha ta' insubordinazz-joni dik in-nhar tal-25 ta' Gunju. Il-Management ried jaghtiha 'chance' iehor izda anki dik il-gurnata ukoll il-produzzjoni taghha kienet hekk baxxa illi il-"Production Controller" kellu jaghtiha twissija verbali ohra izda ta' dan kollu l-appellant ma tatx kaz u injorat it-twissijiet kollha u kien hawn li l-impieg taghha gie terminat.

4. Ghall-appellanti dehru dawn ix-xhieda:
Miss Frances Mangion
Miss Agnes Farrugia

Ghal-Kumpanija dehru dawn ix-xhieda:

Mr Godwin Grech
Miss Salvina Casha
Mrs Dolores Camilleri
Miss R Bezzina
Mr Joseph Camilleri

5. <u>Xhieda fil-qosor</u>

Miss Frances Mangion qalet li hi kienet taghmel l-istess xoghol ta' l-appellant. Il-produzzjoni taghha kienet bhal ta' l-appellant, tlettax il-bicca u wara kienet telghat ghal hmistax il-bicca, qalet ukoll li hi qatt ma kkomplenjat lil Manager dwar l-imgieba ta' l-appellant. Fuq kontro ezami stqarret li ma l-appellant damet tahdem xi hmistax il-gurnata.

<u>Miss Agnes Farrugia</u> qalet li hadmet mal-kumpanija xi sentejn u bi twegiba ghal mistoqsija jekk qatx semghet lill-appellant titkellem xi kliem oxxen jew tkun arroganti mas-superjuri ~~wiegbet li hi~~ wiegbet 'ma nafx' u li hi qatt ma gergret.

<u>Godwin Grech</u> qal li hu kien impjegat mal-kumpanija mill-1 ta' April, 1978 sa 19 ta' April, 1983 bhala Accountant izda hu kien jghin lill-Manager f'hafna xoghol iehor. Fuq l-appellant qal li hi kienet dahlet bhala 'part-time worker' u dak iz-zmien kienet turi certu entuzjazmu ghax-xoghol u wara saret full time u poggewa fuq l-izjed xoghol li kienet taf "button hole". Fl' opinjoni tieghu l-appellant kienet 'a moody person' u meta jitlala ma tfehmha b'xejn u "jdum ma jinzlilha", izda kellha it-tajjeb taghha ukoll. Kien hemm hafna problemi u kienu bilfors jafsu fuq "produzzjoni", mhux biss fuq l-appellant izda fuq kulhadd u kien iwissi lill-kullhadd u kien hemm min spicca mix-xoghol u kien hemm min kwazi wasal biex jispicca. Fil-fatt ix-xoghol kien spicca u kellhom ix-xorti isibu ordni ta' ghaxar telef (10,000) bicca kishom sidrija u dan it-tip ma kellu la buttuna u anqas accetta wahda u ghalhekk hafna kellhom ibiddlu x-xoghol u wahda minn dawk kienet l-appellant.

Ix-xhud kellu isib rata ta' produzzjoni 'timing' li ghalmenu l-kumpanija ma titlifx izda inqas taqla u ghalhekk kulhadd kellu jghamel semhu u kull wahda kella taghmel hamsin (50) fis-siegha izda l-appellant kienet tat minn 11 sa 15 fis-siegha u xoghol iehor ghaliha ma kienx hemm minkejja li l-kumpanija ghamlet minn kollox biex issib xoghol iehor u ghalhekk kien jghid lil kullhadd li ma kienx hemm alternattiva jew hekk jew nghalqu izda l-appellant ma co-operatx u bdiet tghajjat u meta l-Production Manageress sejhitilha l-ufficcju biex ittiegha 'warning' din irritaljat u qaltilha "jien ma nistax nitla izjed minn daqshekk, ghamlu li tridu u sibu lil minn tridu - jien tlaqt" u telqet il-barra. L-appellant kella ukoll xi tghid ma Doris Cassar, is-supervisor ghaliex is-supervisor ma setghitx taccetta produzzjoni ta' 13 fis-siegha u jekk taccetta ta' l-appellant kien ikolla taccetta l-istess produzzjoni mill-ohrajn. Issa l-produzzjoni kienet it-tajmjata ma wahda li ma kienitx machine operator izda supervisor, Salvina Casha, u almenu wiehed jezigi a "fair figure of production" u dan in-numru ta' 50 fis-siegha kien numru rajonevoli hafna u l-produzzjoni ta' l-appellant kienet "well below average" u dak kien zmien difficili ferm ghal kumpanija, u l-appellant donna ma rieditx taccetta li taghmel dan ix-xoghol u qisha dahlet f'pika mal-manegement ghax-xoghol li tajniha izda ma kienx hemm xoghol iehor, dak iz-zmien ix-xhud kellu hafna inkontri ma ufficjali tal-Labour Office minhabba il-problemi li kellha il-kumpanija, ix-xhud zied jghid "pero parir dejjem hadtu ........ voldiri qabel ma hadna pass dejjem staqsejna fuqu". Ix-xhud qal li kien hemm zminijiet meta kien isir hafna 'overtime' izda il-kumpanija biex izzomm fuq saqajha kienet tiddependi mir-rata ta' produzzjoni. Meta insistew fuq dan ma l-appellant din irritaljat u qalet "Aghmlu li tridu, gibu lil haddiehor" il-Management kellu kull dritt li ma jaccettahiex izda meta giet lura accettata, meta l-problemi kienu kbar. Fuq kontro ezami ix-xhud qal fuq l-appellant 'bhala button hole u button stitch kienet eccellenti. Bhala blind stich kienet tkun on and off. Bhala l-ahhar production kienet definitely li dahlitha f'rasha li ma tridx tahdem" u tenna ghal

darba darbtejn tlett darbiet li l-produzzjoni fuq l-ahhar xoghol qabel spiccat kienet wahda li ma setghux jaccettaw ghax kienet inqas ferm minn nofs il-produzzjoni mistennija u dak kien zmien ikrah ghal kumpanija, il-flus kienu ftit, il-prezzijiet baxxi, l-ispejjez gholjin u ghalhekk ma setghux ikollhom produzzjoni baxxa.

Salvina Cacha ex supervisor mal-kumpanija qalet li hi kienet is-supervisor ta' l-appellant , li produzzjoni gieli kienet ittellahha u gieli le, izda meta jghidula kienet tissuppervja u tibda tghajjat izda l-ingieba taghha gieli kienet tkun tajba; semmiet incident li kellha supervisor ohra ma l-appellant u waqt li tfajliet ohra kienu joqghodu ghal xi twissijiet, l-appellant kienet tirritalja u semmiet li gieli kien hemm tfajliet bil-"breakdown" u irrangawlhom. Fuq kontro ezami ix-xhud qalet fuq l-appellant:

"Fuq il-machine kienet slow biex titghallimha.
Fuq il-magna tal-hjata kienet iddum.
Fuq l-accetti u l-buttuni kienet tajba u gieli
kienet slow ukoll".

Fuq mistoqsija kienitx slow meta mbidlilha x-xoghol fit-23 ta' Gunju, ix-xhud wiegbet "Iva, kienet slow", u l-produzzjoni taghha kienet baxxa anki a paragun ta' l-ohrajn, u l-appellant kienet tissuppervja u meta kienu jghidulha biex ittellahha kienet tghajjat.

Mrs Doreen Camilleri Production Controller mal-kumpanija qalet li hi ma kienitx tat''warning' lil Miss Mangion izda tat lill-appellant ghax Miss Mangion ga kienet bin-'notice' izda xorta gibditilha l-attenzjoni. Mistoqsija fuq il-karattru ta' l-appellant wiegbet "Il karattru ta' Cecilia ma hemmx ghalfejn nghidu jien biss. Jista jghid kullhadd kien naqra difficili. Kienet supperva hafna u alla hares min ikellimha ghaliex ta' rasa hafna". Dak kien zmien difficili u l-appellant fil-produzzjoni kienet taht hafna. Il-warnings kienet tatighomlha wara it-3.30 p.m., ghax billi il-produzzjoni taghha kienet baxxa ma rieditx it-tellifa l-hin tax-

xoghol u kienet ukoll iggib xhud u darba minnhom ghal ewwel ma ridietx tidhol, wara hafna argumenti ħahlet irrabjata sabtet fuq il-mejda u qaltilha "Aghmlu li tridu. Jien jekk tridu sibu lil haddiehor". L-appellant kien ikolla argumenti ma supervisors ohra u kienu jigu jitolbu lix-xhud biex tmur tkellimha hi u darba wahda Doris Cassar telqet mix-xoghol minhabba f'hekk. Fuq kontro-ezami ix-xhud qalet li fuq ix-xoghol tal-buttuni l-appellant kienet tpacpac xi ftit izda xogholha kienet tafu u kienet taghmil[l] l-produzzjoni. Fuq il-gieget ma kienx xoghol ta magna ghax ma kienitx taf tuza l-magna, kien xoghol li tifla ta' ghaxar snin setghet taghmlu u spjegat kemm kien semplici dan ix-xoghol u ma kien difficili xejn.

Ix-xhud qalet li hi kella gieli sebghejn tfajla taht idejha u bilfors riedet tikkoregihom izda bil-kelma it-tajba u meta jis-suppervjaw veru tort taghhom kien ikun. Kontra l-appellant ix-xhud stqarriet li ma kellhomx ghaliha u meta ma kellomx xoghol ghaliha setghu jibghatuha izda ppruvaw isibulha xoghol iehor biex ma jghatuhiex in-notice. Dawk kienu zminijiet ibsin u l-appellant ma kienitx tirrealizza li jekk il-produzzjoni ma tohrogx, il-fabbrika tfalli dik in-nhar stess - dik kienet il-posizzjoni u waqt li fuq xoghol ta' magna tittollera certi affarijiet fuq ix-xoghol ta' gakketta, xoghol it-tajmjat ta' minuta ma setghetx tit-tollera li wahda tiehu hames minuti ghax erba minuti mitlufin, ghalmenu tipprova mhux tissuppervja, tpacpac u titlef il-hin.

<u>Miss R Bezzina</u> qalet li kienet ix-xhud meta Miss Camilleri tat il-warning lill-appellant u semghata tghidilha li mhux qed ittella produzzjoni u r-reazzjoni ta' l-appellant kienet li rribillat.

<u>SOTTOMISSJONIJIET FINALI</u>

Ghal-appellant gie sottomess li z-zewg xhieda mtella mill-appellant minkejja x'qalu l-ohrajn, xhedu li qatt ma kellhom okkaz-joni li la jirrappurtaw imgieba hazina lil-management, donna l-attitudini hazina allegata kontra l-appellant kienet biss minn meta

bidlulha x-xoghol, akkuzawha bi tpacpic, rabjar, suppervja, nuqqas ta' produzzjoni, warning wara l-iehor. Fuq produzzjoni kien hemm xhud li stqarret li ghamlet produzzjoni daqsha - x'sar biha? Kien hemm tfajliet ohra li ma kienux itellghu l-produzzjoni mistennija izda hadd minnhom ma qala warning. L-appellant donnha imbiddlet mill-lejl ghan-nhar skond il-Management. Il-kaz ghall-appellant li ghal snin din kienet tajba u dmirha kienet taghmlu tajjeb, ma tirrispondix, u ma tissuppervjax izda f'daqqa wahda sabulha d-difetti kollha. Il-karattru tal-bniedem ma jistghax jinbidel hekk malajr. Izda kien hemm bzonn jitnaqqsu l-ghadd tal-haddiema u dawk riedu isibu raguni ghalieh.

Ghal-kumpanija gie sottomess li waqt li x-xhieda li tellghet l-appellant ma qalu xejn, ix-xhieda li tellghet il-kumpanija kolla qablu fuq l-imgieba ta' l-appellant u l-produzzjoni. Gie sottomess anki li l-kumpanija ma kellha xejn kontra l-appellant ghax f'erba snin qatt ma kellha incident maggha izda kontra qalbhom gara li gara min-naha ta' l-appellant u meta kien hemm il-perikolu li l-fabbrika ser tfalli kien hemm bzonn ta' l-isforz minn nahha tal-haddiema kollha, minghajr eccezzjoni ta' hadd. L-appellant kellha xi tghid ma shaba u meta l-kumpanija setghet tittollerha, ghamlitu dan izda mhux dejjem setghet taghmlu dan. Fil-kaz ta' meta tbiddilha xogholha, u din kienet necessita' kbira, ix-xoghol li nghatalha kien l-ehfef li seta jkun u kien veru li kien hemm wahda minn shaba li l-produzzjoni taghha kienet ftit jew wisq daqs ta' l-appellant izda din kienet ga talbet is-sensja.

Kull warning kien inghatalha quddiem ix-xhieda kif hareg car mix-xhieda prodotta mill-kumpanija u minkejja li l-appellant ga kienet bin-notice meta kien gie xoghol rega ghajtilha bl-istess kondizzjonijiet li kellha fuq skala ta' 40 siegha, u l-produzzjoni tax-xoghol kienet it-tajmjata mis-supervisor u fil-fatt mahduma mis-supervisor.

Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal

It-Tribunal jiehu dejjem in konsiderazzjoni dak li jirrizulta mill-provi u dak li jisma fuq il-meritu tal-kaz. F'dan il-kaz kellu necessarjament jizen l-izjed dak li sema fix-xhieda. Parti tahda offrit biss zewg xhieda u inqas ma offriet x-xhieda ta' l-appellant, mentri n-naha l-ohra tellet xhieda kemm fuq l-imgieba f'certi cerkostanzi ta' l-appellant, kemm fuq il-produzzjoni ta' l-appellant. It-Tribunal hu sodisfatt li l-kumpanija ma kellha xejn kontra l-appellant, anzi kienet sodisfatta bix-xoghol taghha diment li kienet taghmel certu xoghol. Il-kumpanija kienet ghadejja minn perijodu difficili hafna u ga kienet kostretta li taghti sensji mhabba 'redundancy' u l-appellant kienet ser tieghu is-sensja, izda inzammat ghax inqalet ordni wahda ta' xoghol ta' ggieget u ghalhekk inzammet tahdem mal-kumpanija izda fix-xoghol il-gdid jidher car mix-xhieda abbundanti li sema t-Tribunal li l-appellant meta tbiddillha x-xoghol ma baqghetx l-istess wahda li kienet qabel la fl-imgieba u inqas fil-produzzjoni li kienet sostanzjalment inqas minn dik mistennija.

AWARD

Fid-dawl ta' dawn il-fatti u l-aspetti kollha tal-kaz, it-Tribunal ma jistghax isib favur l-appellant u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

G.A. CRAIG
Chairman

E. Bartolo Parnis
Segretarju

30 ta' Jannar, 1984

ja